MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 49/2007/1

**Ramadan Wahba Mabrouk Louay**

**v.**

**L-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern, id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Din hi sentenza dwar appell tal-intimati appellanti l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-

Intern u tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates u dwar appell inċidentali tar-rikorrent Louay Ramadan Wahba Mabrouk minn sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li:

1) Iliberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju;
2) ddikjarat li l-ordni tal-intimati Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern tal-31 ta' Lulju 2007 fejn ir-rikorrent kien ipprivat miċ-ċittadinanza ta' Malta tmur kontra l-Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
3) hassret għal kul fini u effett tal-liġi l-istess ordni fejn ir-rikorrent kien ipprivat miċ-ċittadinanza ta' Malta;
4) ordnat li, għall-finijiet tal-Art. 223(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Ir-Rikors Promotorju tal-Gudizzju**

**2.** Bir-rikors tiegħu tal-14 ta' Awwissu 2007 ir-rikorrenti Ramadan Wahba Mabrouk Louay talab lill-ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara li bil-fatti esposti fir-rikors tiegħu huwa sofra vjolazzjoni serja tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti skont l-Artiklu 6 u kif ukoll l-Artiklu 8 u l-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u kif ukoll tal-Artikoli rispettivi li jipproteġu l-istess drittijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk talab lill-Qorti li tagħtih dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni fosthom li tannulla u tħassar l-ordni tal-Ministru fuq imsemmi tal-31 ta' Lulju 2007 b'liema hu ġie deprivat miċ-ċittadinanza tiegħu u b'hekk tagħtih kull rimedju xieraq u opportun għal din il-vjolazzjoni.

**3.** Il-premessi fir-rikors promotorju tal-ġudizzju li fuqhom ir-rikorrenti msemmi bbaża t-talbiet tiegħu huma s-segwenti:
"1. Premess illi r-rikorrenti Loulay Ramadan Wahba Mabrouk izzewweg civilment lil Miriam Psaila, cittadina Maltija fit-18 ta` Novembru 1993 u bir-rit Kattoliku fis-26

ta` Frar 1994; b`konsegwenza ta` dan iz-zwieg gie registrat bhala cittadin ta` Malta fid-19 ta` April 1994;

“2. U billi ghalhekk ir-rikorrenti tilef ic-cittadinanza originali tieghu Egizzjana;

“3. U billi minn dan iz-zwieg ir-rikorrenti kellu tifel, Luke Ramadan li twieled f`Dicembru tas-sena 1994 li huwa cittadin Malti;

“4. U billi wara diversi snin mizzewgin iz-zwieg tar-rikorrenti sfaxxja irrimedjabilment, u iktar minn hekk gie annullat skond sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta` Jannar 1998; wara liema l-esponenti baqa` jghix Malta bhala cittadin Malti minghajr ebda xkiel;

“5. U billi fit-30 ta` Gunju 2003, ir-rikorrenti zzewweg lil Vitalina Askenova, persuna b`cittadinanza Russa, u ghalhekk applika biex martu takkwista exempt person status, liema stat gie moghti;

“6. U billi minn dan iz-zwieg ir-rikorrenti kellu zewgt itfal Romeo u Leo li twieldu Malta f`Jannar 2004 u Novembru 2005 rispettivament u ghalhekk ghandhom cittadinanza Maltija u huma forniti b`passaport Malti u huma Maltin mit-twelid taghhom;

“7. U billi fis-sena 2006 inbdew proceduri biex inezzghu lill-esponent mic-cittadinanza Maltija tieghu;

“8. U billi l-Ministru kompetenti nnomina a tenur tal-ligi Kumitat ta` Inkjesta biex irrapporta dwar il-kaz tar-rikorrent;

“9. U billi wara li nghalqu l-proceduri quddiem dan il-Kumitat minghajr mar-rikorrent ma gie nfurmat bl-ebda mod dwar ir-risultanzi tal-istess kumitat huwa rcieva ittra mid-direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta` l-Expatriates fit-2 ta` Awissu 2007 fejn ikkonferma illi l-Ministru Ghall-Gustizzja u l-Intern ta ordni li r-rikorrenti ghandu jigi mnezza` mic-cittadinanza Maltija tieghu mmedjatament;

“10. U billi r-rikorrent fil-fatt kien ghamel il-hajja tieghu u l-familja kollha f`Malta tant li ghandu tlett itfal b`cittadinanza Maltija u ilu jghix Malta ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena;

“11. U billi fil-proceduri ghat-tnehhija tac-cittadinanza tieghu r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq minn tribunal imparzjali u ndipendenti kif trid il-ligi u lanqas inghata access ghal Qorti fid-determinazzjoni tad-dritt tieghui tac-cittadinanza;

“12. U billi fi kwalunkwe kaz ma kienux jirrikorru ccirkostanzi f`liema huwa jista` jigi mnezza` mic-cittadinanza billi l-ghoti ta` dik ic-cittadinanza tieghu kienet regolata mil-ligi kif kienet in vigore fis-sena 1994, f`liema data huwa nghata dik ic-cittadinanza u mhux mil-ligijiet posterjuri;

“13. U billi in realta` ma hux minnu li huwa ottjena l-istess cittadinanza bi frodi billi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg tieghu ma` Psaila kien gie dikjarat null huwa evidenti li mic-cirkostanzi ta` dan iz-zwieg li tali zwieg ma kienx zwieg ta` konvenjenza u kien zwieg fis-sens shih tal-kelma tant li kellu tifel minn dak iz-zwieg u zzewweg skond ir-religjon Kattolika;

“14. U billi dan l-agir jammonta ghal ksur ta` l-Artikolu 6 u kif ukoll ta` l-Artikolu 8 u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem; u kif ukoll ta` l-Artikoli rispettivi li jipprotegu listess drittijiet fil-Kostituzzjoni ta` Malta; u dana peress li huwa qieghed jigi mcahhad mic-cittadinanza Maltija tieghu u mid-dritt tar-residenza f`Malta meta t-tliet itfal tieghu huma kollha cittadini ta` Malta, u ta` Malta biss u jirrisjedu f`Malta u huwa maghhom u mal-ahhar mara tieghu li huwa jifforma familja. Id-deprivazzjoni tieghu mic-cittadinanza ser ikollha konsegwenzi serji fuq id-dritt tieghu li jkompli jzomm il-familja li huwa ghandu llum;”

**Ir-Risposta tal-intimati Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u d-Direttur tad-**

**Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates u l-Avukat Ġenerali**

**4.** L-intimati permezz ta' risposta tagħhom tal-20 ta' Awwissu 2007 wieġbu billi talbu lil din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu u dan għar-ragunijiet premessi fir-risposta tagħhom.

**5.** L-intimati mmotivaw ir-risposta tagħhom kif ġej:
"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-ghoti jew it-tnehhija tac-cittadinanza ta` persuni ma tiffigurax fil-mansjonijiet u r-responsabilitajiet tal-Avukat Generali li konsegwentement mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrent u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta l-intimati jistghu adegwatament jirrispondu ghat-talbiet tar-rikorrent ;

"Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti –

"Illi l-agir tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti huwa wiehed ghal kollox legittimu.

"Id-decizjoni mehuda mill-esponenti hija wahda fit-termini tal-Kap.188 tal-Ligijiet ta` Malta u wara decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim`Awla fis-16 ta` Jannar 1998 li ddikjarat iz-zwieg bejn ir-rikorrebnt u Miriam Psaila bhala wiehed null u bla effett legali wara li rrizulta li l-unika raguni ghala r-rikorrent izzewweg kien sabiex ikun jista` jibqa` Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza Maltija.

"**Ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

"Illi in linea preliminari dawn l-Artikoli huma inapplikabbli stante li materja li tirrigwarda ghoti jew tnehhija ta` cittadinanza hija kwistjoni ta` dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala "dritt jew obbligu civili" ghal finijiet tal-istess Artikoli kif jirrizulta ampjament mill-gurisprudenza

kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

“Illi in linea preliminari dawn l-Artikoli huma wkoll inapplikabbli stante illi l-Kumitat ta` Inkjesta mhuwiex la Qorti u lanqas awtorita` gudikanti imma semplicement Kumitat li jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-esponent Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern wara li jkun sema` lill-partijiet koncernati. Id-decizjoni finali dwar kull kaz hija tal-esponent Ministru li jista` jaghzel li jaccetta jew jirrifjuta r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat.

“Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma jistghux jitqiesu li kisru ebda dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent. Il-fatt li l-proceduri ghat-tnehhija tac-cittadinanza saru quddiem Kumitat ta’ Nkjesta u mhux quddiem Qorti jew Tribunal ma jikkostitwixxi ebda lezjoni ta’ drittijiet fondamentali stante li fl-ewwel lok il-Kumitat ta’ Nkjesta huwa mwaqqaf b’ligi u ghandu diversi setghat, drittijiet jew privileggi ta’ qorti.

“Illi fit-tieni lok il-kuncett ta’ smigh xieraq jiddependi mill-iter processwali adoperat fil-kuntest tal-persuna in kwistjoni u cioe’ smigh fil-prezenza tieghu, equality of arms ecc. Ma saret ebda allegazzjoni sostanzjata mir-rikorrent f’dan is-sens oltre l-fatt li jirrizulta b’mod inekwivoku li fil-kors tal-inkjesta quddiem il-kumitat ir-rikorrent kellu kull opportunita` li fost affarijiet ohra jressaq ix-xhieda tieghu u jaghmel is-sottomissjonijiet li dehrulu xierqa.

“Illi in vista tas-suespost m’hemm ebda ksur ta’ dan l-Artiklu.

“**Ebda Ksur tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**

“Illi in linea preliminari in kwantu r-rikorrent qed jilmenta li bit-tnehhija tac-cittadinanza Maltija huwa se jsofri ksur ta’ drittijiet taht l-Artiklu 8, jigi rilevat illi l-ghoti jew it-tnehhija tac-cittadinanza mhuwiex dritt li johrog mill-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni ma jistax jigi nvokat ghall-kaz odjern.

“Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-obbligu tal-Istat huwa li jirrispetta d-dritt ghall-hajja familjari u mhux li jikkoncedi d-dritt lil xi persuna li tistabilixxi jew li tkompli hajja familjari f’gurisdizzjoni partikolari jew li tinghata/zzomm cittadinanza tal-Istat in kwistjoni.

“Illi l-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma tipprotegi d-dritt ta’ persuna li tghix fi Stat Membru partikolari. B’hekk ir-rikorrent m’ghandu ebda raguni valida taht il-Konvenzjoni sabiex jippretendi dritt ta’ ‘family life’ hawn Malta.

“Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent jista’ japplika mal-Awtoritajiet kompetenti biex jigi konsidrat ghall-ghoti ta’ permess ta’ residenza f’Malta flimkien mal-familja tieghu.

“Illi in vista tas-suespost m’hemm ebda ksur ta’ dan l-Artiklu.

“**Ebda Ksur tal-Artiklu 14 u tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**

“Illi minkejja li r-rikorrent qed jallega illi huwa sofra ksur ta’ drittijiet fondamentali tieghu a tenur ta’ dawn l-Artikli huwa ma ressaq ebda allegazzjoni jew ilment f’dan
is-sens.

“Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti jichdu kategorikament illi huma trattaw lir-rikorrent b’mod diskriminatorju u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrent fuq dawn l-Artikli.”

**6.** Din il-Qorti rat l-atti kollha tal-proċess quddiem l-ewwel Qorti inklużi n-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimati (fol. 18) u n-nota risponsiva tar-rikorrenti (fol. 55).

**7.** Rat is-sentenza parzjali tal-ewwel Qorti tat-28 ta’ Marzu 2008 li biha ddeċidiet li fiċ-ċirkostanzi jista’ japplika l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, spejjez riservati għad-

deċiżjoni finali. Rat ukoll li ma kienx hemm appell minn dik is-sentenza.

**Is-Sentenza Appellata**

**8.** Fis-sentenza appellata tat-12 ta' Lulju 2011 l-ewwel Qorti, wara li irriproduċiet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u tar-risposta fuq imsemmija tat rendikont tal-fatti tal-kawża u għamlet, fl-ewwel lok, diversi kunsiderazzjonijiet dwar l-eċċezzjoni tal-intimati dwar l-illeġġittimita` tal-persuna tal-Avukat Ġenerali li ser jiġu hawn taħt riprodotti għall-ahjar intendiment ta' dan l-aspett tal-appell odjern:
"**Ikkunsidrat**

"**III. Il-*locus standi* tal-Avukat Generali**

**"Fl-ewwel eccezzjoni** tal-intimati (fol 12), qed jinghad fis-sustanza li l-Avukat Generali kien imharrek inutilment ghax mhux il-legittimu kontradittur tar-rikorrent.

"L-ewwel parti tal-**Art.181B(1) tal-Kap.12** taqra hekk –

*"Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u flazzjonijiet udizzjarji mill-kap tad dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.*

"Fil-kaz tal-lum, kien id-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Expatriates bhala l-kap tad-dipartiment responsabbli li talab lir-rikorrent sabiex irodd lura c-certifikat ta` registrazzjoni tieghu bhala cittadin ta` Malta, wara li l-Vici Prim` Ministru u Ministru Ghall-Gustizzja u Intern hareg l-ordni biex titnehha b`effett immedjat ic-cittadinanza Maltija tar-rikorrent. Mela bla dubbju ta` xejn kienu certament dawn iz-zewg intimati, fil-kariga istituzzjonali taghhom, li kienu il-legittimi kontradditturi biex iwiegbu ghall-istanza tar-rikorrent, mhux l-Avukat Generali tenut kont ta` dak li jipprovdi l-**Art.181(2) tal-Kap.12** li jaqra hekk -

*"L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk latti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma*

*jkunux jistghu jigi diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

"Ghar-ragunijiet diga` moghtija, dak tal-lum certament mhux kaz li jaqa` taht l-Art.181(2) tal-Kap.12 u ghalhekk din tal-lum mhix azzjoni li tirrendi necessarja l-presenza tal-Avukat Generali bhala parti fil-kawza.

"F`kaz bhal dak tal-lum, l-uniku obbligu tar-rikorrent huwa li jinnotifika wkoll (mhux li jharrek) lill-Avukat Generali bir-rikors ghall-fini tal-**Art.181(3) tal-Kap.12**."

**9.** Wara dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha laqghet l-ewwel eċċezzjoni preliminari u lliberat lill-intimat Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-gudizzju.

**10.** L-ewwel Qorti, imbgħad, fis-sentenza appellata ghaddiet biex tirriproduċi l-partijiet saljenti tal-Att Dwar iċ-Cittadinanza, Kap. 188 in kwantu rilevanti għall-fatti tal-każ u kompliet bil-kunsiderazzjonijiet taġħha kif ġej:

"**V. Art. 6 tal-Konvenzjoni / Art. 39 tal-Kostituzzjoni**

"L-estratt rilevanti ghall-kaz tal-lum mill-Art.6(1) tal-Konvenzjoni huwa -

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mwaqqaf b'ligi.*

"L-estratt rilevanti mill-Art.39(2) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk –

*"Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decvizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jinghata smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.*

"Fl-istanza tieghu, ir-rikorrent qieghed jallega li meta tnehhiet ic-cittadinanza Maltija tieghu huwa ma nghatax smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif trid il-ligi u lanqas access ghal Qorti fid-determinazzjoni taddritt tieghu tac-cittadinanza.

"Min-naha taghhom, l-intimati sostnew li materja li tirrigwarda l-ghoti jew tnehhija ta` cittadinanza hija kwistjoni ta` dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala "*dritt jew obbligu civili*" ghall-finijiet taddisposizzjonijiet citati mir-rikorrent li per konsegwenza mhumiex applikabbli ghall-kaz tal-lum.

"Din il-Qorti tghid mill-ewwel li bl-azzjoni tieghu tallum ir-rikorrent la qieghed jattakka d-disposizzjonijiet tal-Kap.188 u lanqas id-disposizzjonijiet tal-**Avviz Legali 40 tal-1991** u cioe` ir-Regoli dwar Kumitat ta` Inkjesta dwar il-Privazzjoni tac-Cittadinanza Maltija li kienu promulgati bissahha tal-Kap.188.

"Din il-Qorti tirrileva ukoll li *in principle the Convention leaves it to the States to regulate the acquisition and the loss of nationality* **(Van Dijk et –Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – Fourth Edition – Pg. 950)**

"F`kaz bhal dak tal-lum, diga` rajna liema huma l-kazi fejn il-Ministru jista` jnehhi c-cittadinanza Maltija lil persuna li jkun kiseb ic-cittadinanza bir-registrazzjoni. Rajna wkoll x`hinuma r-rimedji li l-ligi taghti lil dik ilpersuna meta tkun sejra titnehhielha c-cittadinanza Maltija u cioe` li tirrikorri ghall-Kumitat ta` Inkjesta li huwa mwaqqaf bis-sahha tal-Kap.188. Rajna wkoll li wara l-Kumitat jistharreg il-kaz, jaghti parir lill-Ministru u l-ahhar kelma tkun tal-Ministru. Dik id-decizjoni la hija soggetta ghal appell u lanqas ghal revizjoni minn xi qorti. Hekk tghid il-ligi taghna.

**"Van Dijk et – Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – Fourth Edition – Pg. 518 –** ighidu hekk –

*“The mere fact that the authorities enjoy discretion in their decision-making and that, therefore, the person concerned cannot claim a specific outcome, doess not mean that no right of the applicant is involved. He is entitled to the authorities respecting the limits of their discretion. That discretion is not unfettered and has to be exercised within the framework of the applicable law and in conformity with general principles of law and good administration. However if the award of a claimed entitlement is totally left to the court and the case law has not established an obligation on the part of the authorities in situations like the one at issue, no “actual” right exists.*

“Mhijiex kontestata x-xhieda ta` Joseph Mizzi li fil-procedura quddiem il-Kumitat ta` Inkjesta, ir-rikorrent inghata kull opportunita` li jressaq il-kaz tieghu permezz ta` provi u sottomissjonijiet. Fl-istess procedura kien ukoll assistit minn avukat ta` ghazla tieghu. Kien wara li l-Kumitat sema` kollox li ddecieda u baghat il-parir tieghu lill-Ministru ghad-decizjoni finali tieghu. *Eppure* din il-Qorti tghid li s-setghat li nghata l-Kumitat ta` Inkjesta bis-sahha tal-Avviz Legali 40 tal-1991 ma jaghmluhx Qorti, Tribunal jew Awtorita` Ohra Gudikanti ladarba dak li jasal ghalih il-Kumitat huwa fl-ahhar mill-ahhar parir lill-Ministru li ghandu r-responsabilita` tad-decizjoni finali.

“**Harris, O’Boyle u Warbrick** - **Law of the European Convention on Human Rights – Pag.231 -** ighidu hekk –

*“an important feature of a tribunal is that it must be competent to take legally binding decisions ; the capacity to make recommendations or give advice (even if normally followed) is not enough*.

“Il-kwistjoni de qua ghalhekk ma taqax fil-parametri tad-disposizzjoni partikolari tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni citati mir-rikorrent.

“Fl-istess sens kien deciz mill-Qrati taghna f`sitwazzjonijiet li jolqtu d-disposizzjonijiet citati mirrikorrent, u adattabbli *mutatis mutandis* ghac- cirkostanzi ta` dan il-kaz [ara s-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (PA/FS)

fil-kawza fl-ismijiet “**Balzan vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku”** tal-14 ta’ Gunju 2002 u l-gurisprudenza hemm citata].

**“Fil-kaz tal-lum, kienu x`kienu rrakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta` Inkjesta lill-Ministru, inkella wasalx il-Ministru ghad-decizjoni tieghu skond ma kien rakkomandat lilu mill-Kumitat, ma jistax jirrizulta ksur tad-dritt fundamentali tarrikorrent skond l-Art.6 tal-Konvenzjoni u l-Art.39 tal-Kostituzzjoni.**

**“VI. Art. 8 tal-Konvenzjoni**

“L-estratt rilevanti ghall-kaz tal-lum mill-**Art.8(1)** tal-Konvenzjoni huwa -

*“Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu …*

“Peress li fir-rikors hemm riferenza ghaddisposizzjonijiet korrispondenti tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti qeghda tifhem li r-rikorrent kien qieghed jirreferi ghall-Art.32. Din il-Qorti trid tghid fil-pront li l-Art.46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta’ kull persuna li tallega l-ksur ta’ xi wahda mid-dispozizzjonjiet tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li tiltob rimedju lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Huwa evidenti li l-Art.32 mhuwiex inkluz. Ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrent mhijiex sejra titqies fflambitu tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni.

**“Fil-kuntest ta` l-Art.8 tal-Konvenzjoni, ilfattispeci tal-kaz tal-lum jimmeritaw stharrig partikolari b`riferenza ghad-decizjoni li titnehha ccittadinanza Maltija tar-rikorrent.**

“L-Art.8 tal-Konvenzjoni, filwaqt li jenuncja bhala dritt fundamentali d-dritt ta’ kulhadd ghar-rispett tal-hajja familjari tieghu u jimpedixxi indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizju ta’ dan id-dritt, fis-sub inciz [2] tieghu jikkontempla dawk il-kazijiet permessi mill-istess Konvenzjoni, li jirrendu legali u lecitu indhil mill-Istat b’deroga ta’ dan id-dritt fundamentali.

"Il-kwistjoni dwar l-ezistenza o meno ta' hajja familjari hija wahda ta' fatt. Fl-esercizzju tad-determinazzjoni ta' dan l-istat ta' fatt, bhala presuppost ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 8, il-Qorti Ewropea adoperat nozzjoni ta' "familja" aktar wiesgha mis-sinifikat ordinarju taghha. Il-kuncett talfamilja mhux necessarjament jirreferi ghal familja tradizzjonali, izda jinkludi zewg persuni, ragel u mara, li bi hsiebhom jizzewwgu jew li jikkoabitaw flimkien ghal zmien konsiderevoli ("**Abdulaziz et vs United Kingdom** - 28 ta' Mejju 1985").

"L-Art.8 tal-Konvenzjoni ma jaghtix il-jedd illi individwu jadotta jew li jkollu familja izda "jippresupponi" lezistenza ta' familja. Del resto hekk qalet il-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza **"E.B. v. France"**.

**"In linea ta` principju,** il-Qorti ta' Strasbourg ippronunzjat ruhha fis-sens li "*as a matter of well established international law and subject to its treaty obligations, a state has the right to control the entry, residence and expulsion of non- nationals from its territory* ["**Moustaquim v. Belgium"** (1991)]. **However, measures taken in the field of immigration may effect the right to respect of family life under Article 8 ["Abdulaziz, Cabales and Balkandali v U.K."]**

"Fil-kawza "**Family K and W vs The Netherlands"** (Applik. Nru.11278/84) il-Qorti ta` Strasbourg qalet –

*"It is true that no right of an alien to enter or to reside in a particular country, nor a right not to be expelled from a particular country is as such guaranteed by the Convention".*

"Fir-rigward tal-Art.8 l-obbligu tal-Istat huwa li jirrispetta l-*family life* – hadd m'ghandu dritt jippretendi li jistabbilixxi *family life* f'xi gurisdizzjoni partikolari. Il- Konvenzjoni lanqas ma tipprotegi d-dritt li wiehed jghix go Stat membru partikolari. Infatti fil-kaz ta' "**Abdulaziz, Cabalas and Balkandali vs UK"** (op.cit.) il-Qorti irriteniet illi l-Art.8 ma jipprotegix id-dritt ta' individwu li joqghod fi Stat partikolari

izda li *"the duty imposed by Article 8 cannot be considered as extending a general obligation on the part of a contracting state to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country".*

"Ir-rikorrenti qieghed jallega li bid-decizjoni tal- Ministru li jkun privat mic-cittadinanza Maltija kien hemm ksur ta` d-dritt skond l-Art.8.

"Mill-provi dwar il-fatti tal-kaz, irrizulta li miz-zwieg annullat, ir-rikorrent kellu tifel li huwa cittadin Maltin. Ma hemmx prova cara dwar jekk ir-rikorrent zammx inkella le relazzjoni stabbli ma` dan il-wild. In segwitu, ir-rikorrent izzewweg ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi Maltija cittadina barranija li minnha kellu zewg ulied u t-tnejn huma cittadini Maltin. Mhux kontestat li r-rikorrent ighix stabilment bhala familja ma` martu u maz-zewg uliedu minn dan iz-zwieg.

"Dan premess din il-Qorti diga` kellha okkazjoni tghid li *in principle the Convention leaves it to the States to regulate the acquisition and the loss of nationality* **(Van Dijk et – Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – Fourth Edition – op. cit.)**

"Pero` l-istess **Van Dijk et fil-Pag.951** jkomplu hekk –

*"… although a right to nationality or "citizenship" is not guaranteed by the Convention or its Protocols, an arbitrary denial of nationality may under certain circumstances amount to an interference with the rights under Article 8 of the Convention. It has thus reserved a – modest – possibility to review denials or losses of nationality under the Convention, but rather under Article 8 of the Convention …*

"F'pag.230 tal-ktieb **"When Judges Dissent – Separate Opinions of Judge Giovanni Bonello at the European Court of Human Rights"** – jinghad illi :

*"The principle constantly reiterated by the Court is that the Convention is a living instrument which must be interpreted in the light of present-day conditions, that its intention is to guarantee rights that are not theoretical or illusory, but practical and effective and in accordance with the "principle that the applicant should as far as possible be put in the position he would have been in had the requirements of the Convention not been disregarde" .*

"Dak tal-lum mhuwiex kaz ta` xi relazzjoni barra zzwieg u fejn hemm mitwielda tfal barra z-zwieg anke jekk f`Malta.

"Ghalkemm huwa pacifiku dak li jafferma in linea generali **Harris, O'Boyle u Warbrick - Law of the European Convention on Human Rights – Pag.313 –** illi *it should be noticed at the outset that the obligation on the state is to respect family life : it does not allow persons to claim a right to establish family life, eg by marrying or having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction*, ilkaz tal-lum, fil-fattispeci tieghu, jiehu xejra differenti. F`tallum, il-familja li r-rikorrent ghandu ma` Vitalina Askenova u z-zewgt itfal taghhom mhijiex familja *de facto* izda *de jure.* Dan mhuwiex kontestat lanqas mill-intimati. Lanqas ma huwa kontestat li qabel dan iz-zwieg, ir-rikorrent kien rabba l-gheruq fil-pajjiz anke ghaliex kien cittadin Malti. Almenu mill-provi hekk irrizulta li fil-kaz tal-lum ghandek irrikorrent li huwa persuna li **ghandha familja stabbli**, ghax hija mizzewga ma` mara, ghall-finijiet u effetti kollha talligi, b`zewg ulied li huma cittadini Maltin, u fejn, **u dan huwa importanti**, ic-cittadinanza tar-ragel u cioe` tarrikorrent tnehhiet minhabba agir tieghu li kien riskontrat mhux f`dak iz-zwieg izda fi zwieg precedenti li kien dikjarat bhala li *qatt ma kien* b`sentenza li ghaddiet in gudikat.

"Li allura jfisser li jekk l-effett tat-tnehhija taccittadinanza Maltija tar-rikorrent sejra tkun li r-rikorrent jitqies bhala *alien* bil-konsegwenza li l-familja tar-rikorrent ggarrab ir-riskju li titharbat irrimedjabilment ghaliex ir-ragel ikollu jhalli Malta biex imur pajjiz iehor, Malta pajjiz fejn ilmara kellha l-*freedom of movement,* u l-ulied cittadini Maltin, din

il-Qorti m`ghandhiex dubbju li d-dritt skond l- Art.8 sejjer jigi vjolat.

**<u>“Ghalhekk fil-kuntest tal-fatti ta` dan il-kaz, ittnehhija tac-cittadinanza Maltija tar-rikorrent tmur kontra l-Art.8 tal-Konvenzjoni</u>.**

**“In vista ta` din ir-risultanza, din il-Qorti tghid li ma hemmx htiega li taghti aktar konsiderazzjoni ghallkawzali u materji ohra li ressaq ir-rikorrent, u ghal dak eccepit ulterjorment mill-intimati.**

**11.** Wara dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata ddeċidiet il-kawża kif riportat aktar ’l fuq f’din is-sentenza.

**L-Appell tal-Intimati Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Cittadinanza u tal-Expatriates**

**12.** L-intimati Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates ħassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta’ Lulju 2011 u interponew appell minnha permezz ta’ rikors tat-22 ta’ Lulju 2011 fejn talbu lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi din tiġi konfermata in kwantu ddeċidiet li tillibera lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju u in kwantu sabet li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja filwaqt illi tħassar u tirrevoka l-kumplament tas-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Qorti u minflok tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti appellat Louay Ramadan Wahba Mabrouk bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra tiegħu.

**13.** Ir-raġuni ewlenija li ġabu ’l quddiem l-intimati appellanti in sostenn tal-appell tagħhom hija sostanzjalment li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet illi fil-kuntest tal-fatti tal-każ odjern it-tneħħija taċ-ċittadinanza Maltija lill-appellat jivvjola l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Eworpeja u dan għaliex:

(a) l-ewwel Qorti skorrettement applikat l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja peress li l-istess Artikolu ma jistax jiġi invokat fil-każ odjern peress illi l-għoti u t-tneħħija taċ-ċittadinanza mhux dritt li joħroġ mill-Konvenzjoni Ewropeja iżda huwa dritt li jaqa' fl-ambitu tal-*public law;*

(b) il-fatt li r-rikorrent appellat kellu wlied minn persuna ċittadina ta' pajjiż terz ma jwassalx għal xi dritt tal-appellat biex jakkwista ċ-ċittadinanza Maltija;

(c) l-obbligu tal-Istat huwa li jirrispetta d-dritt għall-ħajja familjari u mhux li jikkonċedi d-dritt lil xi persuna li tistabilixxi ħajja familjari f'ġurisdizzjonij partikolari. Fil-każ odjern l-appellat ma għandu ebda relazzjoni ma' l-ewwel wild tiegħu frott taż-żwieġ tiegħu ma' ċittadina Maltija filwaqt li fil-każ tat-tieni żwieġ tal-appellat ma' persuna ta' ċittadinanza Russa din ma tgawdix l-*exempt person status* peress li dan l-istatus kienet tgawdih sakemm l-appellat kien għadu ċittadin Malti u wara li tneħħiet iċ-ċittadinanza Maltija lill-appellat li status kemm tiegħu kif ukoll ta' martui huwa ta' immigranti projbiti peress li qatt ma rregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom.

(d) Ir-rikorrent appellat iżżewweġ lil Miriam Psaila unikament sabiex jottjeni ċ-ċittadinanza Maltija kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Jannar 1998. Bit-tnehhija taċ-ċittadinanza ma hix ser tiġi affettwata r-relazzjoni tal-appellat ma' uliedu u ma ġiet pruvata ebda *family life* ma' l-ewwel wild tiegħu tant li lil dan il-wild anqas ried jaċċettah bħala tiegħu u għamel kawża biex jiċħad il-paternita` tagħha.

(e) It-tneħħija taċ-ċittadinanza ma ġġibx magħha neċessarjament id-deportazzjoni tal-persuna li titneħħilha ċ-ċittadinanza għalkemm l-ewwel Qorti trattat il-każ bħallikieku dan kien il-każ.

**Ir-Risposta tar-Rikorrent Louay Ramadan Wahba Mabrouk għar-rikors tal-appell tal-intimati**

**14.** Ir-rikorrenti appellat wieġeb illi din il-Qorti għandha tiċħad l-appell interpost mill-intimati u dan peress illi:

(a) rriżulta li kien hemm ħajja tal-familja li r-rikorrent għamel f'Malta u dan billi kellu tfal sija minn mara Maltija kif ukoll minn mara barranija u t-tfal twieldu u għixu dejjem f'Malta u huwa għandu interess li jżomm relazzjoni ma' uliedu u l-fatt li forsi r-relazzjonijiet tiegħu ma wħud minn uliedu ma humiex tajbin ma' jfissirx li ma hemmx familja għaliex il-fatt naturali tan-ness bejn missier u wild hu biżżejjed biex tkun teżisti familja.

(b) in-ness familjari huwa protett bħala dritt fundamentali hu l-privazzjoni miċ-ċittadinanza bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu fuq il-permanenza tiegħu f'Malta iġib fix-xejn dak id-dritt;

(c) is-sentenza appellata hi għalhekk korretta f'dan ir-rigward u f'din il-parti għandha tiġi konfermata filwaqt li saret riferenza ghan-noti u sottomissjonijiet tar-rikorrent fil-prim' istanza.

**L-Appell Inċidentali tar-Rikorrent Louay Ramadan Wahba Mabrouk**

**15.** Ir-rikorrent Louay Ramadan Wahba Mabrouk inqeda bl-appell tal-intimati sabiex jappella inċidentalment mill-partijiet tas-sentenza appellata li fihom kien sokkombenti. Ir-raġunijiet miġjuba 'l quddiem fl-appell tieghu huma kif ġej:

(a) l-Avukat Ġenerali għandu r-rappreżentanza ġenerali tal-Gvern ta' Malta fi kwistjonijiet li jirrigwardaw iċ-ċittadinanza tal-istat u għalhekk huwa persuna leġittima biex jirrispondi għall-lanjanzi tar-rikorrent kif kien ukoll persuna leġittima biex jirrispondi dwar il-lanjanza ta' ksur tal-artikolu 6 li għalkemm ma ġietx deċiża xorta waħda tħalli s-sitwazzjoni tal-leġittimita` tal-persuna tal-intimat inalterata billi dan għandu jirrispondi għat-talbiet kif imressqa u mhux kif eventwalment deċiżi;

(b) in kwantu l-ewwel Qorti setghet iddeċidiet li l-Artikolu 6 ma giex vjolat dan ma hux korrett għaliex dan l-artikolu u l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni kienu applikabbli għall-każ u jekk ma ġietx deċiża allura fil-każ ta' akkoljiment tal-aggravju tal-intimati din trid xorta waħda tiġi deċiża u f'dak il-każ għandha tiġi deċiża fis-sens li jiġi akkolt il-gravam tar-rikorrent.

Għaldaqstant ir-rikorrent talab li l-appell tal-intimati għandu jiġi miċħud waqt li in kwantu għall-appell inċidentali tiegħu talab li l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u ddikjarat li l-ordni tal-intimat Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern tal-31 ta' Lulju 2007 fejn ir-rikorrent kien ipprivat miċ-ċittadinanza ta' Malta tmur kontra l-Artikollu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħassar għal kull fini u effett tal-liġi l-istess ordni u tirrevokaha in kwantu lliberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju u minflok issibu responsabbli fil-konfront tar-rikorrent bl-istess mod tal-intimati l-oħra, u tirrevokha in kwantu l-ewwel Qorti setgħet sabet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli għall-każ jew ma kienx hemm ksur ta' dak l-artikolu u minflok issib u tiddeċiedi li kien hemm anke ksur ta' dan l-istess artikolu u dan bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-intimati.

**Ir-Risposta tal-Intimati għall-Appell Inċidentali tar-Rikorrent**

**16.** Fir-risposta tagħhom għall-appell inċidentali l-intimati wieġbu li l-appell inċidentali kien bla bażi fattwali u legali u kellu jiġi miċħud sostanzjalment għar-raġunijiet segwenti:

(a) in kwantu għall-ewwel aggravju tar-rikorrent appellant dwar il-leġittimita` tal-persuna tal-Avukat Ġenerali r-rikorrent ma kienx qiegħed jimpunja l-validita` tal-Kap. 188 iżda biss l-ordni tal-Ministru li permezz tagħha r-rikorrent appellant ġie deprivat miċ-ċittadinanza Maltija mentri l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern

biss f'dawk l-atti u azzjoniijiet ġudizzjarji meta n-natura tat-talba ma tkunx tista' tiġi diretta kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment l-oħra tal-Gvern u għalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta lliberat lill-Avukat Ġenerali peress li l-kawża ta' llum għandha ssir biss kontra l-Ministru li ħareġ l-ordni impunjata u huwa l-Kap tad-Dipartiment inkarigat mill-ħruġ tal-ordni.

(b) in kwantu għat-tieni aggravju tar-rikorrent appellant fis-sens li l-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma applikabbli għall-ilmenti tar-rikorrent appellant issottomettew li l-Artikoli msemmijia ma japplikawx għaliex il-kwistjonijiet ta' ċittadinanza ma jikkwalifikawx bħala dritt jew obbligu ċivili u ulterjorment peress li l-Kumitat ta' Inkjesta la huwa "Qorti" u lanqas "awtorita` ġudikanti mwaqqfa b'liġi" għall-finijiet tal-istess Artikolu u inoltre d-deċiżjoni tal-Kumitat imsemmi ma hijiex finali u konklussiva iżda hija biss rakkomandazzjoni li hija suġġetta għad-deċiżjoni finali tal-Ministru.

**Fatti tal-Kawża**

**17.** Il-fatti tal-kawża fil-qosor huma s-segwenti.

**18.** Ir-rikorrent iżżewweġ ċivilment lil Miriam Psaila, ċittadina Maltija, fit-13 ta' Ottubru 1993. Fit-23 (skont ix-xhud Joseph Mizzi) jew fl-24 ta' Novembru 1993 (skont it-timbru li jidher fuq l-applikazzjoni tiegħu a fol. 97) ir-rikorrent applika ghaċ-ċittadinanza Maltija bħala persuna miżżewġa lil cittadina Maltija. Fis-26 ta' Frar 1994 iżżewweġ lill-istess Miriam Psaila bir-rit kattoliku u b'effett mid-19 ta' April 1994 ġie reġistrat bħala ċittadin Malti. Minn dan iż-żwieġ tiegħu twieled tifel li huwa ċittadin Malti. Ir-rikorrent kien għamel kawża ta' denegata paternita` peress li kien sostna li t-tifel ma kienx tiegħu iżda din il-kawża kien ċediha meta minn testijiet li saru rriżulta li verament kien ibnu. Iż-żwieg tar-rikorrent ma' Miriam Psaila ġie dikjarat null b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Jannar 1998 peress li rriteniet li r-rikorrent kien pożittivament eskluda ż-żwieġ nnifsu b'mod li kien hemm simulazzjoni totali u dan ghaliex dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-unika raġuni għala l-konvenut iżżewweġ lill-

attriċi kien sabiex ikun jista' jibqa' Malta (fol. 103-105). Din is-sentenza ma gietx appellata.

**19.** Fit-30 ta' Ġunju 2003 ir-rikorrent iżżewweġ lil Vitalina Askenova, li jidher li kienet ċittadina Russa, u r-rikorrent applika biex martu tingħatha *exempt person status* bħala persuna dipendenti fuqu bħala ċittadin Malti. Vitalina Askenova jidher li ngħatat dan l-istatus u għandha *freedom of movement* sħiħ u fis-27 ta' Settembru 2004 jidher li ingħatat permess taħdem Malta. Minn dan iż-żwieġ ir-rikorrent kellu żewt itfal li twieldu f'Malta f'Jannar tal-2004 u f'Novembru 2005 rispettivament. It-tfal jidher li għandhom ċittadinanza Maltija u passaport Malti.

**20.** Meta f'Lulju 2003 r-rikorrent applika biex jiġi konfermat l-*exempt person status* ta' martu Vitalina Askenova huwa pprezenta s-sentenza tal-Qorti li bih kien ġie dikjarat null l-ewwel żwieġ tiegħu. Meta l-awtoritajiet saru jafu bir-raġuni għala l-Qorti ddikjarat iż-żwieġ null, u cioe` minħabba simulazzjoni totali, id-Direttur taċ-Ċittadinanza b'ittra tat-8 ta' Mejju 2006 informa lir-rikorrent li kienet ser titneħħilu ċ-ċittadinanza Maltija. Peress li r-rikorrent oġġezzjona għat-tneħħija taċ-ċittadinanza il-każ tiegħu ġie riferut lill-Kumitat ta' Inkjesta mwaqqaf skont l-artikolu 14(4) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza (Cap. 188). Sussegwentement b'ittra tat-2 ta' Awwissu 2007 ir-rikorrent ġie informat li peress li l-Ministru kompetenti kien sodisfatt li r-reġistrazzjoni tiegħu bħala ċittadin Malta kienet ġiet akkwistata bi frodi l-istess Ministru kien ħareġ Ordni skont l-Artikolu 14(1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza li bih ordna li titneħħa ċ-ċittadinanza Maltija tar-rikorrent.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**21.** Din il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel l-appell inċidentali tar-rikorrenti Ramadan Wahba Mabrouk peress li l-appell jirrigwarda kwistjonijiet ta' natura preliminari li l-eżitu tiegħu jista' jinċidi fuq il-konsiderazzjonijiet li trid tagħmel din il-Qorti dwar l-appell prinċipali tal-intimati.

*L-appell inċidentali tar-rikorrent Louay Ramadan Wahba Mabrouk*

*L-ewwel aggravju*

**22.** Fl-ewwel aggravju tiegħu ir-rikorrent appellant Louay Ramadan Wahba Mabrouk jirritjeni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta lliberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju u dan għaliex l-Avukat Ġenerali għandu r-rappreżentanza ġenerali tal-Gvern ta' Malta fi kwistjonijiet li jirrigwardaw iċ-ċittadinanza u għalhekk huwa persuna legittima biex jirrispondi għall-lanjanza tar-rikorrenti.

**23.** Ir-rikorrent ma jispjegax minn fejn jirriżulta li l-Avukat Ġenerali għandu rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta fejn si tratta ta' kwistjonijiet ta' ċittadinanza. In kwantu għal-lanjanza tar-rikorrent dwar ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u "tal-aritikolu rispettiv tal-Kostituzzjoni li jipproteġi l-istess dritt" il-lanjanza tiegħu hi diretta lejn l-ordni tal-Ministru li bih tneħħietlu ċ-ċittadinanza Maltija. Dan l-ordni ingħata fuq l-awtorita` esklussiva tal-intimat Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Intern. Ma jirriżultax li l-Avukat Ġenerali kien minimament involut f'dik id-deċiżjoni. Għalhekk dik il-lanjanza setgħet u kellha tiġi diretta unikament kontra l-istess Viċi Prim Ministru u kontra l-intimat l-ieħor Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates għal kull sehem li seta' kellu fil-proċess li wassal għall-ordni msemmi u dan a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'dan ir-rigward, għalhekk, ir-rikorrent ma għandux raġun fl-aggravju tiegħu.

**24.** Kwantu għall-allegata diskriminazzjoni ma ġie allegat assolutament xejn fil-konfront tal-Avukat Ġenerali u anzi ma ġie allegat xejn fil-konfront ta' ħadd mill-intimati. Għalhekk lanqas rigward din il-lanjanza ta' diskriminazzjoni ma għandu raġun ir-rikorrent f'dan l-aggravju.

**25.** Jibqa' li l-Qorti tikkunsidra l-aggravju tar-rikorrent fil-konfront tal-lanjanza rimanenti tiegħu dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u "tal-aritikolu rispettiv tal-Kostituzzjoni li jipproteġi l-istess dritt".

**26.** Fir-rikors promotorju tal-ġudizzju r-rikorrent jilmenta min-"nuqqas ta' smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif trid il-liġi" u li "lanqas ingħata aċċess għal Qorti fid-determinazzjoni tad-dritt tiegħu taċ-ċittadinanza". Dawn l-ilmenti ma huma spjegati xejn fir-rikors promotorju. Ma hu ċar xejn jekk ir-rikorrent hux jilmenta mill-fatt li l-l-Viċi Prim Ministru, u, jew id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza, u, jew il-Kumitat ta' Inkjesta, u, jew l-Avukat Ġenerali naqsu, jew xi ħadd minnhom, milli jagħtuh smigħ xieraq fil-proċeduri għat-tneħħija taċ-ċittadinanza jew hux qiegħed jallega li n-nuqqas ta' smigħ xieraq hu riżultat tan-nuqqas ta' aċċess għal Qorti. Peress li l-ilmenti saru wiehed distint mill-ieħor din il-Qorti ser tassumi li r-rikorrent kien qieghed jilmenta miż-żewġ sitwazzjonijiet distinti.

**27.** In kwantu r-rikorrent jidher li jista' kien qiegħed jilmenta mill-fatt li l-intimati Viċi Prim Ministru u d-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates – l-Avukat Ġenerali ma kienx parti fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Inkjesta -- naqsu milli jagħtuh smigh xieraq fil-proċeduri li addottaw sabiex ingħatat l-ordni għat-tneħħija taċ-ċittadinanza allura anki minn dan l-aspett ir-rikorrent ma għandux raġun fl-aggravju tiegħu u dan għaliex dan l-aspett tal-kwistjoni, assumendo l-applikabilita` tal-Artikolu 6 għall-proċeduri quddiem il-Bord -- seta' jiġi indirizzat pjenament fil-konfront tal-intimati l-oħra mingħajr il-ħtieġa tal-preżenza tal-Avukat Ġenerali.

**28.** Ma hemm xejn fir-rikors promotorju li b'xi mod anki remot jimputa xi aġir li jista' jiġi intiż bħala xi allegazzjoni li l-Kumitat ta' Inkjesta jew min ippresjedih ċaħħad lir-rikorrent minn smiegħ xieraq u li għalhekk seta jiġġustifika l-preżenza tal-Avukat Ġenerali sabiex jirrispondi għal dak l-ilment b'applikazzjoni tal-Artikolu 181B(2) tal-Kap. 12.

**29.** Jifdal, iżda, l-ilment ta' nuqqas ta' aċċess għal Qorti, li r-rikorrent aċċenna għalih fir-rikors promotorju iżda li fil-kors tat-trattazzjoni u fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu ftit għamel riferenza għalih ħlief forsi b'mod ferm indirett li bilkemm wieħed jagħraf li r-riferenza hi għal dan id-dritt, u di fatti kemm l-intimati u kif ukoll l-ewwel Qorti ftit taw

attenzjoni għal dan l-ilment imsemmi kważi fuġġevolment fir-rikors promotorju tal-ġudizzju.

**30.** L-aċċess għal Qorti jiġi garantit mill-Istat u mhux minn xi funzjonarju partikolari tiegħu. Jekk dak l-aċċess ma hux mogħti mil-liġi ebda Kap ta' Dipartiment u ebda Ministru tal-Gvern ma jista' jagħtih. Għalhekk, fejn jiġi allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba ċ-ċaħda ta' aċċess għal Qorti fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili ta' persuna l-preżenza fil-kawża tal-Avukat Ġenerali fil-vesti tiegħu prevista fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 181 B tal-Kap. 12 tkun neċessarja. Fuq dan l-aspett dan l-aggravju tar-rikorrent huwa għalhekk fondat u qiegħed jiġi milqugħ limitatament kif inghad.

*It-tieni aggravju*

**31.** It-tieni aggravju tar-rikorrent jirrigwarda fl-ewwel lok jekk il-Qorti ddecidietx jew le dwar l-applikabilita` tal-Artikolu 6 għal-lanjanza tiegħu u fit-tieni lok, fl-eventwalita` li tat-deċizjoni dwar dan il-punt u d-deċiżjoni tagħha kien fis-sens li l-Artikolu 6 msemmi ma kienx applikabbli, l-ewwel Qorti, skont ir-rikorrent, kienet żbaljata f'din id-deċiżjoni għaliex l-istess artikolu kien effettivament hekk applikabbli.

**32.** L-Artikolu 219 tal-Kap. 12 jipprovdi li kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdahhla fid-dispożittiv. B'danakollu l-liġi mkien ma tirrikjedi li d-dispożittiv irid necessarjament ikun fl-aħħar tas-sentenza -- ghalkemm hu desiderabbli li jkun hekk sabiex ikun eliminat kull possibilita` ta' ekwivoku -- sakemm ikun jirriżulta ċar li d-dikjarazzjoni relevanti li tagħmel il-Qorti fis-sentenza tagħha tkun deċiziva jew obbligatorja.

**33.** Dwar l-ilment tar-rikorrent riferribilment għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-ewwel Qorti ma qalet xejn fil-parti dispożittiva finali tas-sentenza tagħha. Fis-sezzjoni enumerata V u intestata "Art. 6 tal-Konvenzjoni/Art. 39 tal-Kostituzzjoni", iżda, wara l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-applikabilita` tal-artikoli msemmija għal dan il-każ

ddikjarat li "Il-kwistjoni *de qua* għalhekk ma taqax fil-parametri tad-disposizzjoni partikolari tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjonoi ċitati mir-rikorrent" u kkonkludiet li "Fil-każ tal-lum, kienu x'kienu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta lill-Ministru, inkella wasalx il-Ministru għad-deċiżjoni tiegħu skont ma kien rakkomandat lilu mill-Kumitat, ma jistax jirriżulta ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent skont l-Art. 6 tal-Konvenzjoni u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni". Din il-Qorti ma għandha ebda dubbju li dawn id-dikjarazzjonijiet fi tmiem tal-konsiderazzjonijiet tagħha deċiżivi tal-kwistjoni konsidrata taħt is-sezzjoni msemmija u ċioe` fis-sens li l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma kienux applikabbli għall-vertenza sollevata mir-rikorrent.

**34.** Jonqos fit-tieni lok li din il-Qorti tikkonsidra jekk l-ewwel Qorti kienitx korretta fil-konklużjoni tagħha li l-Artikoli msemmija ma humiex applikabbli għall-każ odjern.

**35.** Sabiex ikun applikabbli l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-każ in kwistjoni jrid ikun hemm tilwima bejn il-partijiet dwar id-drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili tar-rikorrent. Ma hemmx kontestazzjoni li teżisti tilwima bejn il-partijiet. Il-kontestazzjoni hi dwar jekk it-tilwima li teżisti hix dwar dritt ċivili jew le.

**36.** Il-tilwima ta' bejn il-partijiet tikkonċerna d-dritt pretiż mir-rikorrent li jżomm iċ-ċittadinanza Maltija tiegħu li huwa akkwista permezz ta' reġistrazzjoni wara li żżewweġ lil ċittadina Maltija. Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hi tal-fehma l-akkwist taċ-ċittadinanza ta' Stat da parti ta' individwu u t-tneħħija ta' dik iċ-ċittadinanza hi minn natura tagħħa materja ta' dritt pubbliku. Ir-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu jsostni li l-Artikolu 6 u dak korrispondenti tal-Kostituzzjoni kienu applikabbli għal dan il-każ. L-unika raġuni li jagħti r-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu hi li "... billi d-drittijiet tieghu kienu qiegħdin jiġu mittiefsa". Iżda din ir-raġuni ma hi xejn ħlief *petitio principii* għaliex id-domanda hi proprju dwar in-natura tad-dritt pretiż mir-rikorrent. Id-dritt pretiż mir-rikorrent hu dak li jżomm iċ-ċittadinanza tiegħu u din hi materja ta' dritt pubbliku. Dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-materja li dwarha jilmenta r-

rikorrent hi waħda ta' dritt pubbliku u li għalhekk ma tinkwadrax bħala dritt jew obbligu ċivili kif meħtieġ li jkun sabiex ikun applikabbli l-Artikolu 6 msemmi[1].

**37.** Fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu quddiem l-ewwel Qorti ir-rikorrent ta spjegazzjoni ftit aktar elaborata dwar għaliex jirritjeni li hemm ksur tal-Artikolu 6 u, indirettament, għaliex jirritjeni l-Artikolu 6 applikabbli għall-każ tiegħu u dan fejn jgħid li "t-tneħħija taċ-ċittadinanza tiegħu ... tinċidi wkoll fuq id-dritt tiegħu li jgħix mal-familja li huwa fforma hawn Malta trid tittieħed fir-rispett tal-garanziji konvenzjonali taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe trid tkun risultat ta' smiegħ xieraq". Il-Qorti tifhem għalhekk li r-rikorrent isostni li in kwantu t-tneħħija taċ-ċittadinanza tar-rikorrent tinċidi fuq id-dritt ċivili tieghu li jgħix mal-familja tiegħu f'Malta għal dik id-deċiżjoni hu applikabbli l-Artikolu 6.

**38.** Sabiex ikun applikabbli l-artikolu 6, iżda, ma hux biżżejjed li t-tilwima tkun dwar deċiżjoni li tkun "tinċidi" fuq xi dritt ċivili izda t-tilwima trid tkun dwar determinazzjoni ta' dak id-dritt ċivili. L-ordni tat-tneħħija taċ-ċittadinanza tar-rikorrent ma tiddetermina xejn dwar id-dritt tiegħu li jifforma familja; tiddetermina biss li ma għandux dritt iżomm iċ-ċittadinanza Maltija. It-tneħħija taċ-ċittadinanza anqas tista' titqies bħala ekwivalenti għat-tneħħija tal-individwu minn Malta u għahekk anqas tista' titqies bħala indirettament determinanti ta' xi dritt tar-rikorrent li jifforma familja f'Malta. Il-Kummissjoni Ewropea anqas it-tneħħija mill-pajjiż ma qieset bħala determinanti, la direttament u anqas indirettament, ta' xi dritt ċivili għall-formazzjoni ta' familja[2]. Il-fatt li dak l-ordni jista' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrent li jifforma familja jista', fiċ-ċirkostanzi idoneji, jiskatta xi dritt ieħor taħt il-Kostituzzjoni, kif qiegħed isostni li hu l-każ ir-rikorrent meta jallega wkoll ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Hawn, iżda, qiegħed jiġi eżaminat biss l-applikabilita` tal-Artikolu 6 u mhux ta' xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni u kif inghad, stante li l-akkwist taċ-

---

[1] Q. Kost. Mustefa Mustefa Al Muhamad v Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Intern et., 24 Frar 2012, # 11

[2] Dec Adm. Appl. No. 8244/78 Uppal v UK, 2 Mejju 1979; Dec Adm. Appl. No. 8971/80, NSV v UK, 5 Mejju 1981;

ċittadinanza ta' Stat da parti ta' individwu u t-tneħħija ta' dik iċ-ċittadinanza hi min-natura tagħha materja ta' dritt pubbliku l-Artikolu 6 ma hux applikabbli għal-lanjanza tar-rikorrent taħt dan l-artikolu.

**39.** Peress li ma hemmx konsiderazzjonijiet diversi minn dawk li ġia saru[3], din il-Qorti tasal ukoll għall-istess konklużjoni dwar l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni u cioe` li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma hux applikabbli għall-lanjanza tar-rikorrent taħt dan l-artikolu.

**40.** Dan it-tieni aggravju tar-rikorrent qiegħed għalhekk jigi miċħud.

*<u>L-appell prinċipali tal-intimati Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern u tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates</u>*

**41.** Imiss issa li jiġi kunsidrat l-appell tal-intimati Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Inter u tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates.

**42.** Jibda biex jingħad li l-appell imsemmi ser neċessarjament jiġi respint f'dik il-parti fejn qiegħed jitlob il-konferma tas-sentenza appellata fejn din iddeċidiet li tillibera lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress li fid-dawl ta' dak premess aktar qabel f'din is-sentenza din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju dedott fl-appell inċidentali tar-rikorrent appellant f'dan ir-rigward.

**43.** In kwantu għall-aggravji fl-appell prinċipali, il-Qorti ġia elenkathom[4] aktar qabel u għalhekk dawn mhux ser jiġu hawn ripetuti.

44. L-aggravji msemmijia kważi kollha fihom sottostrat ta' fatti li fuqhom huma mibnija l-istess aggravji kif ukoll, wara kollox, ir-rikors stess promotorju tal-ġudizzju. Il-Qorti tistqarr li hi mervalijata bil-karenza ta' provi miż-żewġ

[3] Q Kost. Josric Mifsud v Prim Ministru, 14 Diċembru 2009
[4] Ara paragrafu 13 *supra*.

naħat fil-kors ta' dan il-proċess sabiex isostnu t-teżi tagħhom. Fi proċess fejn hemm in kwistjoni l-ħajja familjari tar-rikorrenti li ċċelebra żwieġ mhux darba iżda darbtejn ħadd ma deherlu li tal-anqas għandu jipproduċi bħala xhud xi waħda min-nisa li żżewweġ ir-rikorrent biex tgħidilna dwar il-ħajja familjari tagħhom mar-rikorrent u dwar is-sitwazzjoni tal-ulied ġenerati fil-kors tal-ħajja miżżewwġa tar-rikorrent sabiex din il-Qorti tkun tista' tagħmel apprezzament tal-ħajja familjari li allegatament stabilixxa r-rikorrent f'Malta. Din hi sitwazzjoni li qed tirrikorri ta' spiss fi proċeduri kostituzzjonali, u li dwarha din il-Qorti ġia` kellha okkażżjoni tirrimarka, fejn il-partijiet ta' spiss wisq jittrattaw il-proċedura kostituzzjonali bħallikieku hi xi materja akkademika li ma teħtieġ ebda provi iżda sempliċement dibattiti fuq punti legali biss.

**45.** Il-ħames aggravju tal-intimati appellati hu fis-sens li it-tneħħija taċ-ċittadinanza ma ġġibx magħha neċessarjament id-deportazzjoni tal-persuna li titneħħilha ċ-ċittadinanza għalkemm l-ewwel Qorti trattat il-każ bħallikieku dan kien il-każ u din il-Qorti ser qabel xejn teżamina dan l-aggravju peress illi u jekk dan l-aggravju jirriżulta fondat allura din il-Qorti ma jkollhiex għalfejn tidħol fl-aggravji l-oħra.

**46.** Tassew jidher li s-sentenza appellata in kwantu sabet ksur tal-Artikolu 8 straħet aktar fuq ipotesi milli fuq dak li ġie pruvat quddiemha. Di fatti dak li jidher li l-Qorti qieset determinanti l-konsiderazzjoni tagħha li "… jekk l-effett tat-tneħħija taċ-ċittadinanza Maltija tar-rikorrent sejra tkun li r-rikorrent jitqies bħala *alien* bil-konsegwenza li l-familja tar-rikorrent ġġarrab ir-riskju li titħarbat irrimedjabbilment għaliex ir-raġel ikollu jħalli Malta biex imur pajjiż ieħor … din il-Qorti m'għandhiex dubbju li d-dritt skont l-Art. 8 sejjer jiġi vjolat" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**47.** L-ewwel Qorti, iżda, biex waslet għall-konklużjoni tagħha ppostulat fatti li qatt ma ġew pruvati quddiemha għaliex ma saret ebda prova li bħala konsegwenza tat-tneħħija taċ-ċittadinanza r-rikorrent ser ikollu jħalli Malta.

**48.** Ir-rikorrent jallega ksur tal-Artikolu 8 ghaliex jirritjeni li huwa qiegħed jiġi mċaħħad miċ-ċittadinanza u mid-dritt tar-residenza f'Malta u li b'hekk ser ikollu konsegwenzi serji fuq id-dritt tiegħu li jkompli jżomm il-familja li huwa għandu llum. It-tneħħija taċ-ċittadinanza, iżda, ma tfissirx neċessarjament li r-rikorrent ser jiġi wkoll mċaħħad milli jirrisjedi f'Malta. Ma saret ebda prova ta' xejn li l-awtoritajiet ħadu xi deċizjoni li huwa ma jitħalliex jirrisjedi f'Malta anqas li r-rikorrent applika għal residenza f'Malta u din ġiet miċħuda. Anqas tirriżulta xi ordni għat-tneħħija minn Malta tar-rikorrent (*removal order*). Anqas prova fuq bażi ta' probabbilita`, u ċioe` li r-rikorrent x'aktarx ser jiġi ordnat jitlaq minn Malta, ma saret u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jallega li d-drittijiet tiegħu għal familja "x'aktarx" ser jiġu misksura, u di fatti jallega biss li sofra, u mhux li x'aktarx ser isofri, ksur tad-drittijiet tiegħu.

**49.** Dan l-aggravju tal-intimati appellanti għalhekk jirriżulta fondat u qiegħed jiġi milqugħ u in vista ta' hekk ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tikkonsidra l-aggravji l-oħra tal-intimati appellanti.

**Decide**

Għall-motivi premessi il-Qorti tiddisponi mill-appell prinċipali tal-intimati Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern u tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates kif ukoll mill-appell inċidentali tar-rikorrent Ramadan Wahba Mabrouk Louay billi tilqagħhom it-tnejn in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tħassarha fejn iddikjarat li l-ordni tal-intimat Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern tal-31 ta' Lulju 2007 fejn ir-rikorrent kien ipprivat miċ-ċittadinanza ta' Malta tmur kontra l-Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 310 tal-Liġijiet ta' Malta (b) tħassarha f'dik il-parti fejn ħassret għal kull fini u effett tal-liġi l-istess ordni tal-intimat Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern tal-31 ta' Lulju 2007 fejn ir-rikorrent kien ipprivat miċ-ċittadinanza ta' Malta (c) tħassarha wkoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari u lliberat lill-Avukat Ġenerali mill-

osservanza tal-ġudizzju u minflok tammetti mill-ġdid lill-istess Avukat Ġenerali f'dan il-ġudizzju u (d) tikkonfermaha fil-bqija, b'dan li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kwantu għal tlieta minn erbgħa ($^{3}/_{4}$) mir-rikorrent appellant Ramadan Wahba Mabrouk Louay u wieħed minn erbgħa ($^{1}/_{4}$) mill-intimati Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru Għall-Ġustizzja u l-Intern, id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, u l-Avukat Ġenerali solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------